# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 590

Kaz Nru. 851

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

General Workers' Union

u

Bezzina Ship Repair Yard Ltd

dwar il-hin tal-mistrieh

Data: 29 ta' Settembru, 1994

Chairman: Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons), M.A.
Membri: Is-Sur George Agius
Is-Sur Alfred Mallia Milanes

Analizi tat-Tribunal

It-Tribunal li kkunsidra l-argumenti mressqa u x-xhieda tax-shopsteward Maurice Kent, huwa ggwidat fil-gudizzju tieghu:

1. Skond il-Wage Regulation Order (LN 101 of 1977) mahruga taht il-provvedimenti tal-Conditions of Employement Regulation Act 1952 kull impjegat full time (barra watchman) fis-settur li topera l-Kumpanija, ghandu jinghata intervall ghall-ikel u mistrieh ta' mhux inqas minn siegha kull jum globalment.

2. It-Tribunal qies ukoll il-ftehim li kien intlahaq fil-laqgha ta' konciljazzjoni taht il-presidenza tad-dipartiment tax-xoghol.

It-Tribunal iqis ukoll li minn barra kunsiderazzjonijiet

legali, abbuz kontinwu fit-tehid ta' breaks mhux uffic-jali ma jistax jibqa' tollerat la legalment u l-anqas moralment. Hu fl-interess ta' l-azjenda u ta' l-istess haddiema li l-Kumpanija titmexxa b'efficjenza waqt li l-kundizzjonijiet tax-xoghol jitjiebu skond l-istat u l-progress ta' l-istess azjenda.
Qis ukoll il-problemi kbar ghas-sopravvivenza taghha fl-imghoddi meta c-cirkostanzi gielu lill-Kumpanija tahdem gimgha ta' erba t'ijiem.

DECIZJONI

Fid-dawl tal-ligijiet relatati mal-kwistjoni flimkien mac-cirkostanzi kollha tal-kaz dan it-Tribunal ma jistax hlief jikkonferma d-dritt tal-Kumpanija li tintroduci kwarta break ohra ghal total ta' mistrieh ta' 45 minuta.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

George Agius
MEMBRU

Alfred Mallia-Milanes
MEMBRU

Edwin Spiteri
SEGRETARJU
mrg